MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-30 ta' April, 2007

Numru 181/2007

Il- Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

-vs-

Walter Baldacchino

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra;

Walter Baldacchino ta’ 30 sena bin il-mejjet Herbert u Grace nee’ Zammit imwieled Attard, Malta fit-30 ta’ Lulju, 1976 u joqghod 88, Triq l-Ifran, Valletta, Malta, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 403676(M)

Talli;

F'April, 2005 f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera' haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh t'aktar minn elf lira (Lm1,000) ghad-dannu tal-Bank of Valletta, ai terminu ta' l-artikolu 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli ukoll fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokument falz, ai termini ta' l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti giet mitluba biex barra milli tapplika l- piena skond il- Ligi, tordna lill- imputat sabiex ihallas l- ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal- hatra tal- esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal- Kodici Kriminali, Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti prezentati.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta' ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Rat l-artikoli 184, 308, 309, 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali ta' l-akkuzat.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi f'l-ewwel udjenza mizmuma minn din il-Qorti fil-proceduri odjerni, u cioe dik tat-23 ta' April 2007, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. L-imputazzjonijiet ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti hija tal-fehma li hemm diversi fatturi li ghandhom jigu konsiderati.

Ir-reat gie kommess f’April 2005. F’l-ewwel stqarrija rilaxjata minnu u cioe dik tas-27 ta’ Jannar 2006 l-imputat ghalkemm ammetta certa fatti mal-pulizija ma tantx ikkoopera maghhom. Kien biss meta ghamel it-tieni stqarrija fis-27 ta’ Frar 2007 li qal lill-Pulizija l-verita kollha u l-fatti kif realment graw. Kien minn dan il-mument li wiehed jista jghid li l-imputat beda jikkoopera mal-Pulizija.

Din il-kooperazzjoni kompliet fis-sens li ma’ l-ewwel opportunita fil-proceduri odjerni l-imputat formalment ammetta l-imputazzjonijiet lilu adebieti.

L-imputat mhux biss ammetta l-imputazzjonijet imma anke ghamel dikjarazzjoni li huwa lest li jhallas l-ammonti kollha dovuti minnu. F’dan ir-rigward il-Qorti ma tistax ma tirrilevax li ghalkemm saret, din id-dikjarazzjoni waheda zgur ma tistax titqies li hija xi garanzija li l-ammont dovut mill-imputat realment ser jithallas, partikolarment tenut kont tal-fatt li r-reat gie kommess sentejn ilu u sa llum ghadu ma thallas xejn mis-somma ta’ elf sitt mija u erbghin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm1640.36) imsemmija f’l-stqarrija.

Fattur iehor relevanti huwa l-fedina penali ta’ l-imputat li, ghajr ghal kundanna wahda fis-sena 1994 ta’ natura minuri, hija netta.

Ghall-imputazzjonijiet lilu adebiti l-imputat jista jigi kkundannat massimu ta’ sebgha snin prigunerija. Fis-sottomissjonijiet taghhom l-partijiet dehru li kienu ta’ l-istess fehma u cioe li fic-cirkostanzi tal-kaz piena karcerarja m’hiex indikata u li ordni ta’ *probation* kien aktar indikat. Il-prosekuzzjoni ssottometiet ukoll li ghandu jkun hemm ordni fil-konfront ta’ l-imputat li jhallas l-ammont kollu dovut minnu.

Illi tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz il-Qorti ukoll hija tal-fehma li piena karcerarja effettiva mhiex indikata. Pero din il-Qorti ma taqbilx mal-partijiet li ghandu jinghata ordni

ta’ *probation*. Kif kellha okkazzjoni tippronunzja ruhha il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali *s-servizzi, necessarjament limitati, li jista jipprovdi d-Dipartiment tal-Probation ghandhom jigu utilizzati b’aktar attenzjoni u b’aktar selettivita*[1]. Din il-Qorti fil-fatt hija tal-fehma li tenut kont tan-natura tar-reat kommess, kif ukoll ic-cirkostanzi ta, l-imputat, ordni ta’ *probation* mhux gustifikat.

Illi in vista tal-kunsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula u b’mod partikolari l-gravita tar-reat u l-fatt li l-imputat ghandu ma hallas xejn mill-ammonti minnu dovuta minn-naha, u l-fedina penali kwazi netta u l-ammissjoni bikrija minn-naha l-ohra, l-Qorti hija tal-fehma li sentenza ta’ prigunerija sospiza b’ordni lill-imputat li  jhallas dak minnu dovut hija aktar indikata.

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 184. 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta’ prigunerija ghall-perjodu ta’ sitt (6) xhur liema perjodu, b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kap 9, qed jigi sospiz ghal perjodu ta’ sentejn.

In oltre b’applikazzjoni ta’ artikolu 28H tal-Kap 9 il-Qorti qed tordna lill-hati biex jirrestitwixxi lill-parti offieza s-somma ta’ elf sitt mija u erbghin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm1640.36) fi zmien sitt (6) xhur.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija, kif ukoll ir-responsabbilta tieghu that l-artikolu 28H jekk ma jikkonformax ruhu ma’ l-ordni ta’ restituzzjoni.

[1] Ref Appell Kriminali  Pulizija vs Gary Grech et  10 ta’ Jannar 2003

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------